

Brussell, 13 ta' Lulju 2017
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0158 (COD)

11272/17
ADD 3

UD 183
ENFOCUSTOM 175
EF 167
ECOFIN 649
JAI 694
COSI 166
COTER 74
RELEX 658
DROIPEN 104
COPEN 239
CODEC 1251

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	13 ta' Lulju 2017
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2017) 263 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT LI jakkumpanja d-dokument Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-importazzjoni ta' beni kulturali

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument SWD(2017) 263 final.

Mehmuż: SWD(2017) 263 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.7.2017
SWD(2017) 263 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

**Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-importazzjoni
ta' beni kulturali**

{COM(2017) 375 final}

{SWD(2017) 262 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv
Valutazzjoni tal-impatt dwar proposta għal miżuri doganali fuq l-importazzjoni tal-beni kulturali
A. Il-ħtieġa li tittieħed azzjoni
Għaliex? X'inhi l-problema li qed tiġi indirizzata? <u>Massimu ta' 11-il linja</u>
Fil-qafas tal-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà tal-2015¹ u l-Pjan ta' Azzjoni tal-2016 għat-tisħiħ tal-għlied kontra l-finanzjament tat-terroriżmu², il-Kummissjoni ħabbret li sal-aħħar tat-tieni kwart tal-2017 se tipprepara proposta leġiżlattiva kontra l-kummerċ illeċitu tal-beni kulturali. Il-proposta tindirizza l-problema tal-beni kulturali minn pajjiżi terzi li ttieħdu illegalment mill-kuntest storiku u arkeoloġiku tagħhom u li qed jinġiebu fl-UE, u għaldaqstant qegħdin isaħħu l-kriminalità organizzata, il-finanzjament tat-terroriżmu, il-ħasil tal-flus, l-evażjoni tat-taxxi, kif ukoll it-telf tal-identità kulturali u l-patrimonju tal-pajjiżi ta' oriġini. Hija ssegwi l-leġiżlazzjoni tal-UE li tipprojbixxi l-kummerċ ta' beni kulturali mill-Iraq u mis-Sirja (Regolamenti 1210/2003 u 36/2012).
X'mistennija tikseb din l-inizjattiva? <u>Massimu ta' tmien linji</u>
L-għan tal-inizjattiva hu li jiġu evitati l-importazzjoni u l-ħżin fl-UE ta' beni kulturali esportati illeċitament minn pajjiżi terzi; għaldaqstant timmira li tnaqqas it-traffikar tal-beni kulturali, li tiġġielel il-finanzjament tat-terroriżmu u li tipproteġi l-patrimonju kulturali, speċjalment l-oġġetti arkeoloġiċi fil-pajjiżi ta' oriġini milquta minn kunflitt armat. Għal dan l-għan, hija tipproponi li: tiġi stabbilita definizzjoni tal-beni kulturali waqt l-importazzjoni; jiġi żgurat li l-importaturi juru diliġenza meta jixtru l-beni kulturali minn pajjiżi terzi; tiġi determinata informazzjoni standardizzata biex tiċċertifika li l-beni huma legali; jiġu previsti deterrenti effettivi kontra t-traffikar; u jiġi promoss l-involvement attiv tal-partijiet ikkonċernati għall-protezzjoni tal-patrimonju kulturali.
X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE? <u>Massimu ta' seba' linji</u>
Il-miżuri ta' kontroll u ta' skrutinju meħuda minn Stat Membru ma jevitawx li l-beni kulturali illeċiti jidhru f'dak l-Istat Membri minn Stat Membru differenti li ma għandux it-tali kontrolli stabbiliti. It-trattament mhux ekwu tal-operaturi ekonomiċi minn Stati Membri differenti jirriżulta f'diskriminazzjoni. Huwa meħtieġ approċċ komuni biex jiġi żgurat it-trattament effettiv u omoġenju tal-importazzjonijiet fl-UE kollha.
B. Soluzzjonijiet
X'għażliet ta' politika leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi ġew ikkunsidrati? Hemm għażla ppreferuta jew le? Għaliex? <u>Massimu ta' 14-il linja</u>
Fir-raggruppament tqiesu l-għażliet ta' politika: L-ewwel nett, l-għażliet ta' liġijiet mhux vinkolanti sabiex titrawwem ir-rieda tajba tal-partijiet ikkonċernati u l-awtodixxiplina, kif ukoll it-titjib tal-kapaċitajiet tal-awtoritajiet kompetenti (RAGGRUPPAMENT A). It-tieni nett, għażliet regolatorji li jindirizzaw żewġ elementi importanti: - id-definizzjoni xierqa tal-kamp ta' applikazzjoni tal-beni kulturali sabiex tiġi koperta mill-inizjattiva (RAGGRUPPAMENT B); - ir-rekwiżiti tad-dokumentazzjoni meħtieġa sabiex tiġi ċċertifikata n-natura illeċita tal-beni (RAGGRUPPAMENT C) B'mod partikolari, ir-Raggruppament C jinkludi l-għażliet ta' ċertifikazzjoni li ġejjin: (a) l-ċertifikat tal-esportazzjoni maħruġ mill-pajjiż ta' oriġini u l-kooperazzjoni amministrattiva mal-pajjiż inkwistjoni; (b) Id-dikjarazzjoni tal-importatur (affidavit) flimkien mal-formola tad-dokument ta' identifikazzjoni tal-Oġġett li tipprovdi informazzjoni bażika dwar il-beni; (c) Il-liċenzja tal-importazzjoni għall-beni kulturali kollha maħruġa mill-awtoritajiet kulturali tal-UE (d) Il-liċenzja tal-importazzjoni għall-beni kulturali f'riskju kbir ta' serq (oġġetti arkeoloġiċi), u d-dikjarazzjoni tal-importatur u d-dokument ta' identifikazzjoni tal-Oġġett għall-beni kulturali l-oħra kollha (taħlita tal-elementi tal-b u c).

¹ COM (2015) 185 final

² Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar Pjan ta' Azzjoni għat-tisħiħ tal-għlied kontra l-finanzjament tat-terroriżmu [COM(2016) 50 final]

Liema għażla u min jappoġġaha? <u>Massimu ta' seba' linji</u> L-intrapriżi u r-rappreżentati ta' interess jiffavorixxu l-għażliet mhux regolatorji u jippreferu jekk waqt l-importazzjoni ma jkollhomx rekwiżiti speċifiċi tad-dokumentazzjoni mill-UE. Fost dawn, jidher li qed jopponu inqas id-dikjarazzjoni tal-importatur. L-awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri, l-NGOs u s-soċjetà ċivili jiffavorixxu miżuri iktar b'saħħithom, bħaċ-ċertifikazzjoni tal-esportazzjoni jew il-liċenzja tal-importazzjoni; mhumiex ċerti dwar l-effettività tad-dikjarazzjonijiet tal-importatur, minħabba li l-awtoċertifikazzjoni f'dan il-qasam għadha ma ġietx ippruvata.
C. Impatti tal-għażla ppreferuta
X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)? <u>Massimu ta' 12-il linja</u> L-għażla ppreferuta hija taħlita ta' għażliet ta' liġijiet mhux vinkolanti u miżuri regolatorji b'tipoloġija kbira ta' beni, li jridu jmorru lura tal-inqas 250 sena. Huma previsti wkoll ir-rekwiżiti tad-dokumentazzjoni sabiex tiġi pprovata l-provenjenza leċita. B'dan il-mod, u permezz ta' kontrolli effettivi, huwa mistenni li jitnaqqas it-traffikar ta' beni kulturali, jiġi miġġieled il-finanzjament tat-terroriżmu u jiġi protett il-patrimonju kulturali, speċjalment f'pajjiżi ta' oriġini milquta minn kunflitt armat.
X'inhuma l-kostijiet tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)? <u>Massimu ta' 12-il linja</u> L-operaturi ekonomiċi li jimportaw il-beni kulturali meqjusa bħala patrimonju fil-periklu (parti żgħira mis-suq tal-arti) se jkollhom jiksbu l-liċenzji tal-importazzjoni għalihom qabel ma jkunu jistgħu jimportawhom fl-UE. Dan se jinvolvi xi kostijiet għall-importatur biex jiġbor id-dokumentazzjoni u jippreżentaha lill-awtoritajiet, kif ukoll xi spejjeż lill-awtoritajiet kulturali sabiex jiżguraw li jkollhom l-esperti xierqa biex jeżaminaw l-applikazzjonijiet. Għal beni oħra, l-importaturi jeħtieġu jimlew id-dikjarazzjoni tal-importatur u d-dokument ta' identità tal-oġġett u jippreżentawhom lid-dwana għall-eżami u r-reġistrazzjoni.
Kif se jintlaqtu n-negozji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi? <u>Massimu ta' tmien linji</u> L-intrapriżi fis-suq tal-arti huma kważi kollha mikrointrapriżi jew negozji żgħar. Għal dan l-għan, il-miżuri proposti tqisu daqslikieku l-operaturi kollha kienu SMEs, jiġifieri sar sforz biex jingħażlu s-soluzzjonijiet li jeħtieġu riżorsi operattivi limitati u l-inqas kostijiet ta' konformità possibbli.
Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali? <u>Massimu ta' erba' linji</u> Minbarra fil-każ tal-liċenzji ta' importazzjoni għal oġġetti arkeoloġiċi u l-elementi ta' monumenti li għalihom l-Istati Membri jridu jiżguraw li jkollhom l-esperti speċjalizzati biex jipproċessaw l-applikazzjonijiet, il-kumpliment tal-miżuri ma jimplikawx ħtiġijiet sinifikanti fil-kostijiet tar-riżorsi umani jew dawk operattivi.
Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra? <u>Massimu ta' 6 linji</u> Il-kontrolli doganali jew id-deterrenti l-oħra kontra t-traffikar (penali) se jkollhom impatt negattiv fuq il-kriminalità organizzata u fuq il-finanzjament tat-terroriżmu fl-UE u barra l-UE. Il-miżuri tal-UE jista' jkollhom impatt pożittiv fuq il-pajjiżi terzi li l-beni kulturali tagħhom huma mhedda.
Proporzjonalità Il-miżura timponi spejjeż raġonevoli fuq in-negozjanti u l-amministrazzjonijiet.
D. Segwitu
Meta se tiġi rieżaminata l-politika? <u>Massimu ta' erba' linji</u> Il-Kummissjoni se tirrapporta dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament kull ħames snin.